# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 22 ta' Frar, 2024**

**Numru 8**

**Rikors Numru 549/22TA**

**(1) Francesco Apap Bologna K.I. 12464(M)**
**(2) Ann Apap Bologna K.I. 85840(M)**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Francesco u Ann Apap Bologna (ir-rikorrenti) tal-14 ta' Ottubru 2022 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi r-rikorrent Francesco Apap Bologna huwa s-sid tal-fond bl-indirizz Dar il-Bniet, Triq il-Ghajn, Dingli filwaqt li r-rikorrenti Ann Apap Bologna hi l-uzufruttwarja tal-istess proprjeta'.
2. Illi dan il-fond kien jappartjeni lil Barunessa Frances Chesney Sceberras D'Amico Inguanez, u huwa parti mill-artijiet ta' Djar il-Bniet.
3. Illi Frances Chesney Sceberras D'Amico Inguanez mietet fit-12 ta' Jannar 1981 (certifikat tal-mewt anness **Dok F1**) u halliet bhala eredi lin-Nobbli Carmel Apap Bologna Sceberras D'Amico Inguanez skont l-ahhar testment taghha datat 5 ta' Mejju 1979 fl-atti tan-Nutar

Alexander Sceberras Trigona (ricerki segrieti u pubblici annessi **Dok F2 u F3**, u testment **Dok F4**).

4. Illi ghalhekk dan il-fond (fost proprjetajiet ohra) interit min-Nobbli Carmel Apap Bologna Sceberras D'Amico Inguanez, u gie denunzjat (estratt mid-denunzja anness u markat **Dok F5**, fejn il-fond mertu tal-kawza huwa imsemmi bhala parti mill-artijiet ta' Dar il-Bniet.

5. Illi n-Nobbli Carmel Apap Bologna Sceberras D'Amico Inguanez miet fis-7 ta' Settembru 2021 (kopja tac-certifikat tal-mewt anness **Dok F6**).

6. Illi skont kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji pubblici u sigrieti tad-defunt Carmel Apap Bologna Sceberras D'Amico Inguanez (kopja annessa **Dok F7A** u **Dok F7B** rispettivament), huwa rregola l-wirt tieghu permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard datat 7 ta' Frar 2018 (kopja annessa **Dok F8**).

7. Illi ai termini tat-testment Dok F8, Carmel Apap Bologna Sceberras D'Amico Inguanez iddispona mill-wirt tieghu billi *inter alia* halla b'titolu ta' legat a favur ir-rikorrent Francesco Apap Bologna l-proprjeta' surreferita (bid-drittijiet u pretensjonijiet kollha relattivi) u dan kif jirrizulta ahjar taht Artikolu 8 tal-istess testment. Din il-proprjeta' hi soggetta ghall-uzufrutt tar-rikorrenti Ann Apap Bologna u dan skont Artikolu 5 tat-testment, liema Ann Apap Bologna hija wkoll l-eredi universali tieghu skont Artikolu 16 tal-istess testment.

8. Illi dan il-fond kien mikri favur Dr Irene Zahra versu kera ta' LM 16 ekwivalenti ghal EUR 37.27 fis-sena u/jew somma verjuri, liema kirja kienet ilha fis-sehh tal-inqas mis-snin 1970s u ghalhekk giet fis-sehh ferm qabel l-1 ta' Gunju 1995. Estratt tal-ledger tal-kirjiet tar-rikorrenti, huwa hawn anness bhala **Dok F9**.

9. Illi ghalhekk dan il-fond kien soggett ghall-kirja protetta regolata mid-disposizzjonijiet tal-Kap 69 u tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Illi in vista tal-fatt li l-kirja tal-fond in kwistjoni kienet soggetta ghall-provvedimenti tal-Kap.69 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti gew ghal kollox imgeghla jibqghu jircievu ammont ta' kera ferm baxx minghajr ebda possibbilta' li jziedu l-ammont tal-istess hekk kif il-kontroll ta' din il-kirja kien kompletament f'idejn l-Istat.

11. Illi ghalhekk ir-rikorrenti (u l-predecessur fit-titolu taghhom) gew imgeghla jibqghu jgeddu l-kera versu l-istess rata skont il-provvedimenti tal-ligi ghal ghexieren ta' snin u dan minghajr ebda prospett li xi darba tigi terminata.

12. Illi kien biss fis-sena 2009, snin wara li nholqot il-kera li l-Gvern irrikonoxxa l-pregudizzju serju li kienu qeghdin ibatu s-sidien privata bhar-rikorrenti u ghalhekk fid-dawl ta' dan ir-rikonoxximent gie fis-sehh l-Att X tal-2009, permezz ta' liema gew introdotti provvedimenti sabiex il-kera tizdied, liema kera filfatt zdiedet ghal EUR 185 fis-sena.

13. Illi minkejja dawn l-emendi, ir-rikorrenti baqghu jbatu l-pregudizzju serju sa recentement hekk kif ma nzammx bilanc gust u proporzjonat bejn l-allegat ghan pubbliku intiz u d-drittijiet fundamentali tas-sidien ghat-tgawdija tal-possedimenti taghhom, liema drittijiet ma gewx imharsa u prottetta skont kif trid il-ligi hekk kif il-kera zdiedet b'mod mizeru u dan bi hsara ghar-rikorrrenti.

14. Illi oltre' minn hekk ir-rikorrenti ma kellhomx ghad-disposizzjonijiet taghhom rimedju effettiv stante li qatt ma setghu jziedu l-kera b'mod ekwu u gust skont il-valur tas-suq hekk kif l-ammont ta' kera li huma setghu effettivament jircievu huwa dak kif kostrett bl-Artikolu 1531C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Aktar minn hekk il-legislatur naqas ghal kollox milli jintroduci xi tip ta' rimedju effettiv sabiex jindirizza bis-shih il-pregudizzju li r-rikorrenti u predecessur taghhom soffrew fis-snin passati ta' kera u mizera u interferenza fid-drittijiet ghat-tgawdija libera ta' hwejjighom fejn ghalhekk ir-rikorrenti ma kellhomx ghazla ghajr li jirrikorru ghal dawn il-proceduri.

15. Illi r-rikorrenti jaghmlu referenza ghall-kawza **Amato Gauci vs Malta** numru 47045/06 deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-15 ta' Settembru 2009 u ghal sensiela ta' kawzi ohra rilevanti inkluz il-kawza **Zammit and Attard Cassar vs Malta** (30 ta' Lulju 2015) li tittratta fattispecie simili ghal dawk odjerni u fejn il-Qorti ta' Strasburg sabet vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tas-sid minkejja l-introduzzjoni tal-Att X tal-2009.

16. Illi jirrizulta b'mod car u manifest li d-disposizzjonijiet dwar it-tigdid awtomatiku tal-kera u dwar il-kontroll tal-ammont tal-kera jikkostitwixxu interferenza fl-uzu tal-proprjeta` tar-rikorrenti, u naqsu milli jzommu bilanc gust bejn l-allegat ghan pubbliku ntiz u d-drittijiet tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta` taghhom. Il-fatt li bilanc certament ma kienx hemm f'dan il-kaz jirrizulta mid-diskrepanza konsiderevoli li kien hemm bejn il-kera li kienet tithallas lir-rikorrenti u dik li s-sidien setghu jiksbu tul is-snin li kieku huma krew il-fond fis-suq miftuh li mhux regolat mill-protezzjoni li l-Kap.69 jaghti lill-inkwilini.

17. Illi r-rikorrenti jinnotaw, kif gie wkoll innotat f'diversi sentenzi fosthom f'dik fl-ismijiet **'Louis Apap Bologna vs L-Avukat Generali'** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu 2019, li l-qaghda ekonomika tal-pajjiz m'ghadhiex bhalma kienet meta dahal fis-sehh l-Kap 69 u certament marret ghall-ahjar. Illi ghalhekk l-ghan pubbliku li kien hemm originarjament, xi ftit jew wisq sparixxa maz-zmien u dan kif anke gie deciz recentement minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet "**B. Tagliaferro & Sons Limited vs L-Avukat tal-Istat et"** (rikors nru 23/2020JVC).

18. Illi fir-rigward tal-kontroll fil-quantum ta' kera, il-provvedimenti tal-Artikolu 1531C ftit li xejn ghamlu sabiex jindirizzaw il-piz sproporzjonat li kienu qeghdin ibatu r-rikorrenti (u l-predecessur fit-titolu taghhom qabilhom) hekk kif il-kera baxxa kienet u baxxa baqghet u dan anke in vista tal-fatt li z-zidiet fil-kirja kienu qeghdin jigu mahduma fuq il-kera precedenti u cioe' fuq ammont baxx ferm.

19. Illi fil-kaz Zammit and Attard Cassar v Malta hawn fuq citat, l-ECtHR irrimarkat :-

*"While the applicants do not have an absolute right to obtain rent at market value, the Court observes that, despite the 2009 amendments, the amount of rent is significantly lower than the market value of the premises as submitted by the applicants, which was not effectively contested by the Government"*

Ghalhekk huwa car li l-emendi introdotti permezz tal-Att X tal-2009 m'ghamlu xejn fir-rigward biex jghin is-sid privat u jibillancja l-piz impost mill-provvedimenti tal-Kap 69 hekk kif iz-zieda mizerja ma ghamlitx wisq sabiex il-kirja ma tibqax stagnata .

Illi aghar minn hekk, ir-rikorrenti ma jistghux ma jinnutawx li minkejja l-allegat ghan pubbliku tal-provvedimenti tal-ligi li jipprotegu din il-kirja u jitfghu piz sproporzjonat u qawwi fuq ir-rikorrenti, il-Gvern tul dawn is-snin kollha ma kkontribwixxa bl-ebda mod sabiex itaffi jew igorr dan it-toqol ghall-allegat ghan pubbliku.

20. Illi ghalhekk jirrizulta b'mod car li r-rikorrenti soffrew vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif ratifikata u taghmel parti integrali mil-Ligijiet ta' Malta f'Kap 319 hekk kif huma gew sforzata jibqghu jikru l-fond taghhom l-okkupanta Zahra versu kera baxxa ferm liema kera kienet kompletament ikkontrollata mill-Istat u liema kontroll baqa' persistenti sa zminijiet ricenti.

21. Illi r-rikorrenti jaghmlu referenza wkoll ghal kawzi ricenti decizi minn din l-Onorabbli Qorti inkluz dawk fl-ismijiet ismijiet '**Austin Psaila et vs L-Avukat tal-Istat et'** deciza fit-3 ta' Gunju 2021 (87/2020 GM), '**Maria Concetta sive Connie Deguara Caruana Gatto vs L-Avukat tal-Istat et'** deciza fid-29 ta' April 2021 (51/2020 GM) u **'Carmel sive Charles Sammut et vs l-Avukat Generali et'** deciza fid-29 ta' April 2021 (143/2019 FDP) fejn il-Qorti sabet li l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola l-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 jaghtu dritt ta' rilokazzjoni indefinit lill-inkwilini u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tas-sid privat kif sanciti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

22. Illi in vista tas-suespost, ir-rikorrenti ghalhekk qeghdin jitolbu dawk ir-rimedji kollha xierqa u opportuni fic-crikostanzi, inkluz izda mhux limitatament:

a. Dikjarazzjoni li l-provvedimenti tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u l-provvedimenti tal-Kap 16 inter alia l-Artikolu 1531C kisru d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta' taghhom surreferita.

b. Kumpens xieraq pekunjarju u mhux pekunjarju ghas-snin kollha li r-rikorrenti batew interferenza fid-drittijiet taghhom inkluz telf ta' kera li soffrew ir-rikorrenti.

23. Illi r-rikorrenti jirrilevaw li dan il-pregudizzju u ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom baqa' jippersisti sa recentement u cioe' sad-19 ta' Mejju 2018 hekk kif il-kirja giet terminata mal-mewt tal-inkwilina Dr Irene Zahra (kopja tac-certifikat tal-mewt anness **Dok F10**). Stante li l-inkwilina Zahra kient l-unika inkwilina rikonoxxuta mir-rikorrenti u ma kienx hemm persuni ohra li jissoddisfaw il-kriterji tal-ligi rigward inkwilini protetti, din il-kirja ntemmet u filfatt il-pussess tal-fond rega' gie f'idejn ir-rikorrenti.

24. Illi kien biss permezz tal-Att XXIV tal-2021 (cioe` wara li din il-kirja kienet gja giet terminata) li l-legislatur introduca xi rimedji ohra ghas-sid, fosthom il-possibilita` li l-kera tizdied skont l-Art 4A tal-Kap 69. Madanakollu, l-Att XXIV tal-2021 baqa' ma ntroduciex ebda rimedju ghas-snin passati ta' interferenza u kirjiet baxxi li batew is-sidien.

25. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma kellhomx ghazla ohra ghajr li jintavolaw dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, jghid l-Avukat intimat prevja kwalisiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-provvedimenti tul is-snin tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 inter alia l-artikoli 3, 4 u 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-provvedimenti tal-Kap 16 *inter alia* l-Artikolu 1531C ivvjolaw id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta' taghhom bl-indirizz Dar il-Bniet, Triq il-Ghajn, Dingli kif sanciti mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (li tifforma parti integrali tal-ligijiet domestici fil-Kap. 319) u dan prevja u jekk hemm bzonn billi tappunta periti nominandi.

2. Tiffissa u tillikwida kumpens xieraq (sia pekunjarju u mhux pekunjarju) ghas-snin kollha li r-rikorrenti batew vjolazzjoni tad-drittijiet taghhom u dan prevja u jekk hemm bzonn billi tappunta perit nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat ihallas l-istess kumpens u danni hekk likwidati, bl-imghaxijiet legali.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali. B'rizerva ghad-drittijiet kollha spettanti lir-rikorrenti."

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat (l-intimat Avukat) tal-14 ta' Ottubru 2022

li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. "Illi permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrenti qegħdin jallegaw li bl-operazzjoni tal-Kap. 69 u l-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tal-

fond bl-indirizz Dar il-Bniet, Triq il-Għajn, Dingli huma ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom kif sanċit mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll.

2. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti jridu jġibu prova sodisfaċenti tat-titolu tagħhom għall-fond in kwistjoni.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti jridu jġibu prova li l-kirja li kienet viġenti kienet waħda mħarsa mill-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, ma kien hemm ebda ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll stante li fil-każ odjern sar biss kontroll fl-użu tal-proprjetà in kwistjoni fil-parametri ta' dak permessibbli taħt dan id-dritt fundamentali.

5. Illi fi kwalunkwe każ, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti tqis li seħħ ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, dan il-ksur intemm fil-mument li l-inkwilina ġiet nieqsa. Kuntrarjament għal dak dikjarat fil-premessa numru tlieta u għoxrin (23) tar-rikors promotur, Irene Melitta Zahra mietet nhar id-19 ta' Mejju, 2018 u mhux fid-19 ta' Mejju, 2019 (ara estratt mill-*Common Database*, hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A'). Ulterjorment, in kwantu għal minn meta bdiet din il-leżjoni, *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kap. 319, ebda leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll ma tista' tissustixxi qabel it-30 ta' April, 1987.

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż."

Rat l-atti u dokumenti fil-proċedura;

Qrat ix-xhieda imressqa;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Ir-rikorrenti huma propjetarji tal-fond Dar il-Bniet, Triq il-Għajn, Dingli, li kif jippremettu dan il-fond illum huwa mikri lil Dr. Irene Zahra versu l-kera ta' €37.27 fis-sena.

**2.** Dan il-fond pprevjena lir-rikorrenti per via di successione mingħand missierhom Carmel Apap Bologna Sceberras D'Amico u kif aħjar dettaljatament spjegata il-provenjenza fir-rikors promotur li a skanz ta' repetizzjoni qed issir referenza għaliha.

**3.** Ir-rikorrenti għalhekk qegħdin jilmentaw li għalhekk id-dritt fundamentali tagħhom għat-tgawdija ta' propjeta' qiegħed ikun miksur.

**Punti ta' Liġi**

**4.** Din hija azzjoni ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrenti qed jilmentaw li l-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta "u l-Att X tal-2009, u liġijiet oħra viġenti" jiksru d-drittijiet fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-fond in kwistjoni sanċit fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

**5.** Ir-raġunijiet imressqa mir-rikorrenti huma l-istess bħal dawk li fuqhom il-Qorti Ewropeja konsistentement sabet ksur tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni fid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 u l-emendi

bl-Att X tal-2009 kif kienu viġenti qabel l-emendi ntrodotti bl-Att XXIV tal-2021.

**6.** Dan għaliex jikkostitwixxu interferenza mad-drittijiet tal-proprjetá tas-sid li hija inkompatibbli mat-tielet prinċipju ta' bilanċ ġust stabbilit fl-imsemmi artikolu protokollari. Tali nterferenza ikkawżata b'dawn id-dispożizzjonijiet ma żżommx "bilanċ xieraq" bejn l-esiġenzi tal-interess ġenerali tal-komunitá u l-ħtieġa tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. Dan minħabba raġunijiet indikati mir-rikorrenti fl-istess premessi. Il-Qrati tagħna baqgħu isegwu din il-pożizzjoni kif adottata mill-Qorti ta' Strasburgu (ara espożizzjoni dettaljata tal-prinċipji ġurisprudenzjali stabbiliti mill-Qorti Ewropea kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-**Qrati Maltin fis-sentenza fl-ismijiet Margaret Caruana et vs L-Avukat Ġenerali et, Qorti Ċivili ,Sede Kostituzzjonali, [per Imħallef Joseph Zammit McKeon], tat-18 ta' Marzu 2021;** ara wkoll fost oħrajn fl-ismijiet **Rita Falzon vs Dun Saverin sive Xavier Cutajar et, Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, [per Imħallef Francesco Depasquale], tal-20 ta' Ottubru 2021**).

**Konsiderazzjonijiet**

**7.** Qabel ma din il-Qorti tittratta il-mertu, hemm konsiderazzjoni partikulari li tħoss li għandha tindirizza. Din il-Qorti tosserva li f'dawn il-kawżi l-inkwilin ġieli jkun injorat. Din il-Qorti dejjem għamlitha ċara, li l-presenza tal-inkwilin hija meħtieġa mhux biss minħabba esiġenzi

proċedurali iżda għaliex huwa għandu interess dirett fid-dibattitu ta' dawn il-Kawżi u jistħoqqlu li jkun mismugħ.

**8.** Il-preżenza tiegħu f'kawżi bħal dawn, ma hijiex biex jirrispondi għal liġi leżiva ta' drittijiet fundamentali jew jiġi kkundannata għal xi sanzjoni billi jkun addebitat lilu tali leżjoni u l-ħlas konsegwenzjali ta' danni. Huwa l-Istat li jrid jagħmel dan. Il-preżenza tal-inkwilin f'dawn il-kawżi hija biss meħtieġa għall-integrita' tal-ġudizzju.

**9.** Għalhekk kif sewwa ritenut mill-**Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza Margaret Psaila et vs l-Avukat Ġenerali et datata 27 ta' Ġunju 2019**, *"Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm hija taqbel mat-tezi tal-intimata Camillleri li, ladarba hi agixxiet skont il-ligi, allura m'ghandhiex legalment tirrispondi ghall inkostituzzjonalita tal-ligi jew tehel spejjez tal-kawza, u huwa l-istat li huwa finalment responsabili, izda mill-banda l-ohra, il-proceduri odjerni necessarjament jaffettwaw lill-intimata stante li hi parti fir-rapport guridiku li huwa regolat b'ligi li l-kostituzzjonalita taghha qed tigi attakkata. Ghaldaqstant il-prezenza taghha f'dawn il-proceduri hija necessarja ghall-finijiet tal-integrita` tal-gudizzju. Hi bhala inkwilina tal-fond in kwistjoni ghandha interess guridiku f'din il-kawza peress li l-meritu jikkoncerna lilha direttament* " (ara **Evelyn Montebello et vs Avukat Generali et, Kost 13/07/2018; Sam Bradshaw et vs Avukat Generali et, Kost 06/02/2015 u Raymond Cassar Torreggiani vs Avukat Generali, Kost 22/02/2013**).

**10.** Issa l-Qorti tinnota, li r-rikorrenti qabel ma intavolaw il-proċeduri kienu konsapevoli li l-fond mertu tal-Kawża kien okkupat minn inkwilina, tant li fi premessa numru 8 tar-rikors promotur jippremettu "*Illi llum dan il-fond huwa mikri favur Dr. Irene Zahra versu l-kera*…" (a' fol 2).

**11.** Issa fid-dawl ta' dak ikkunsidrat hawn fuq, huwa ċar li dawn il-proċeduri għalhekk huma afflitti minn nuqqas ta' integrita' u ġudizzju stante l-esklużjoni aprioristika tal-inkwilina li għadha tirresjedi fil-fond de quo. Il-Qorti qieset ukoll jekk hux il-każ li tordna l-kjamat in kawża. Iżda wara li ħasbet fit-tul, il-Qorti waslet għall-konklużjoni li dan l-Istitut tal-liġi ma hux maħsub biex jissejjħu fil-kawża persuni li sa mill-bidu tal-Kawża l-Attur kien jaf bihom u kien ukoll konsapevoli bl-interess manifest tagħhom. Dan l-Istitut huwa maħsub li jissejħu dawk il-persuni, li l-ħtieġa tagħhom tkun ġenwinament inqalgħet waqt is-smiegħ tal-Kawża jew għaliex tali persuni kienu injoti għall-Attur u għalhekk ma setgħax mill-bidu jinkludihom fl-iskrittura promotriċi.

**12.** Il-Qorti ma tistax tagevola lill-parti li tkun ħadet konsapevolment riskji proċedurali, ġieli anke bl-iskop li tikseb xi vantaġġ għad-detriment ta' terz. Il-Qorti ma hiex tgħid u ma tistax tgħid, li dan kien il-każ f'dawn il-proċeduri pero' minn naħa l-oħra ma tistax tiftaħ bibien li jistgħu iwasslu għal xi inġustizzja.

## Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors b'dan il-mod:

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni** tat-talbiet rikorrenti u **tillibera** lill-intimat Avukat tal-Istat mill-osservanza tal-ġudizzju mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni li għad għandhom ir-rikorrenti.

Spejjes a karigu tar-rikorrenti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**